**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 420/2011**

**Illum: 24 ta' April, 2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anna Grima**
**(ID 598556(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata Anna Grima, mart Anthony, bint il-mejjet Paul u l-mejta Gioacchina nee` Pawney, imwielda l-Pieta` nhar is-26 ta' Lulju 1956, u residenti ġewwa Unit 1, Block 8, Qasam tal-Bini tal-Gvern, (Rinella), Kalkara, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 598556(M);

Akkużata talli fit-2 ta' Ottubru 2006 ġewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola:

a) Kellha fil-pussess tagħha r-raża meħudha mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

b) Kif ukoll talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs mediċina perikoluża skont l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(1)(2) tal-Att Dwar il-Ħabs;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi l-imputata wieġbet li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Ottubru 2006 għall-habta tad-9.30 a.m., l-imputata marret ġewwa s-sezzjoni tad-debituri fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tħalli xi ħwejjeġ lil binha Alan Grima, li dak iż-żmien kien jinsab detenut fl-istess Faċilita`. Waqt tfittxija li saret minn uffiċjali tal-ħabs f'dawn il-ħwejjeġ u fil-presenza tal-istess imputata, instabet sustanza suspettata raża tal-*cannabis* fil-keffa ta' *jeans* li kien destinat lill-istess Alan Grima. L-imputata ġiet arrestata u rrilaxxjat żewġ stqarrijiet – waħda l-għada fit-3 ta' Ottubru 2006 u oħra nhar l-14 ta' Ottubru 2006.[1] In oltre hija xehdet ukoll quddiem l-espert tekniku, il-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante, maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ.[2]

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, **PS 1574 Renaldo Cremona** xehed illi fit-2 ta' Ottubru 2006 huwa kien assista għal tfittxija li kienet saret fir-residenza tal-imputata fil-Kalkara, fir-rigward ta' liema tfittxija, hu u l-kollegi tiegħu kellhom struzzjonijiet sabiex ifittxu ħajt ta' kulur li kien jaqbel mal-ħajt muri lilhom. Huwa jgħid illi waqt it-tfittxija li saret fil-presenza ta' l-imputata, kien instab minċott ħajt fuq il-bank tal-kċina, liema ħajt kien jaqbel mal-ħajt lilhom muri u li skont hu kien ittieħed mill-keffa tal-qalziet in kwistjoni. Jgħid ukoll illi l-minċott kien ġie elevat u mgħoddi lill-Ispettur Investigattiv.[3]

[1] Dawn l-istqarrijiet jinsabu esebiti a fol. 13 sa 15 u a fol. 16 u 16A tal-proċess.
[2] A fol. 61 u 62 tal-proċess.
[3] A fol. 17 sa 21 tal-proċess.

Xehdet ukoll **WPS 237 Antonella Vella** li tgħid illi wara li nstabet is-sustanza ġewwa l-qalziet fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, hija ngħatat struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Pierre Grech sabiex issir tfittxija għal droga fir-residenza ta' Anna Grima, l-eżitu ta' liema tftittxija kien fin-negattiv. Iżżid tgħid illi iktar tard matul il-ġurnata, l-Ispettur Grech reġa' bagħatha tagħmel tfittixija oħra din id-darba ma' PS 1574 u WPS 86, fl-istess residenza, speċifikatament għall-mincott tal-ħajt ta' lewn vjola u dan għaliex fil-waqt illi l-*jeans* li fih instabet is-sustanza kien meħjut b'ħajt ta' ċertu kulur, li hija ma ftakritux, il-parti fejn instabet id-droga kienet meħjuta b'kulur vjola ossia kulur differenti. Tgħid illi l-keffa ma kinitx kollha meħjuta bl-istess kulur ta' ħajt, bħal ma lanqas ma kienet tal-istess kulur il-ħjata tal-bqija tal-qalziet. Tgħid illi l-affarijiet tal-ħjata ġewwa r-residenza tal-imputata kienu miżmuma f'kexxun fil-bank tal-kċina, fil-waqt illi WPS 86 rat minċott vjola li kien qiegħed fuq il-bank. Fi kliemha stess, "*ma kienx fil-kexxun, kien fuq il-bank jidher hekk*".[4] In kontro-eżami, ix-xhud tgħid illi meta hija u WPS 86 raw il-*jeans* jew ritratti tal-istess *jeans* innutaw illi fil-waqt illi l-*jeans* kien meħjut b'ħajt ta' ċertu kulur, parti mill-keffa kienet vjola u għalhekk ġiethom l-idea li jerġgħu jfittxu fir-residenza tal-imputata għall-ħajt vjola.[5]

Xehed ukoll **PC 398 John Aquilina** li jgħid illi fiż-żmien tat-2 ta' Ottubru 2006, huwa kien stazzjonat SRT ġewwa l-ħabs, iżda fil-jum in kwistjoni kien inkarigat mit-tfittxijiet ġewwa s-sezzjoni tad-debituri, minn fejn jidħlu l-effetti personali tal-priġunieri. Jgħid ukoll illi għall-ħabta tad-9.30 a.m. tal-jum imsemmi kienet marret l-imputata b'xi ħwejjeġ għal binha Alan Grima, fosthom qalziet. Jgħid illi x'ħin kien qed ifittex, fil-keffa tal-istess qalziet huwa ħass xi ħaġa u minnha, ħareġ pakkett żgħir li sussegwentement għaddieh lis-superjuri tiegħu.[6]

**Paul Borg Bonaci**, gwardjan fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, li xehed fil-mori tal-inkjesta quddiem l-espert tekniku, jgħid illi għall-ħabta tad-9.15 a.m., kienet marret l-imputata bi ħwejjeġ għal binha Alan Grima ġewwa s-sezzjoni tad-debituri. Jgħid li meta kien qiegħed ifittex, fil-*jeans* ħass xi ġebel fl-inforra, mal-qalza, u wara li ottjena awtorizżazzjoni mingħand il-Maġġur Fabri, huwa ċarrat il-keffa tal-istess qalziet, u sab bicciet u frak ta' sustanza li huwa ssusspetta li kienet droga. Jgħid ukoll illi fil-frattemp, Alan Grima kien ċempel darbtejn għal *jeans* tiegħu. Huwa osserva wkoll illi s-sustanza kienet niexfa u mhux imxarrba.[7]

---

[4] A fol. 23 tal-proċess.
[5] A fol. 22 sa 25 tal-proċess.
[6] A fol. 29 sa 33 tal-proċess.
[7] A fol. 59 u 60 tal-proċess.

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat **Godwin Sammut**, maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi nhar il-15 ta' Novembru 2006 huwa ngħata żewġ dokumenti minn PS 644 Evan Camilleri, *Scene of the Crime Officer* u ċioe` *envelope* kannella li fuqu kien hemm *sticker* bil-kliem 'Laboratorju Nazzjonali' ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit *Police Evidence bag bin-numru B025317 li fih envelope ta' lewn kannella tal-Gvern ta' Malta*, liema *envelope* kien fih biċċiet żgħar ta' sustanza ta' lewn kannella u *envelope* ieħor żgħir ta' lewn kannella, flimkien ma' *envelope* ieħor kannella li fuqu kien hemm ukoll *sticker* bil-kliem 'Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Divizjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit *Envilop ta' lewn kannella li fih jeans ta' lewn blu tad-ditta "Tom Tailor"*.

Dwar l-ewwel dokument, ix-Xjenzat Sammut ikkonkluda illi mill-estratti meħuda mill-biċċiet żgħar ta' sustanza ta' lewn kannella, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* sustanza li tiġi mill-pjanta tal-*cannabis.* Il-piż tal-biċċiet żgħar tas-sustanza kienu ta' 0.66 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 12%.

Xehed ukoll fil-mori ta' dawn il-proċeduri **Alan Grima**, iben l-imputata, u dan fis-sens illi fiż-żmien in kwistjoni, huwa kien fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Jgħid illi peress illi fil-ħabs, kien hemm ħafna min iparla u jikxef, huwa kien jaħbi d-droga fil-*jeans*. B'referenza għall-*jeans* li kien fil-pussess tal-imputata, huwa jgħid ukoll illi bi żball huwa kien bagħtu ma' oħtu mal-ħwejjeġ maħmuġin u li meta nduna b'dan l-iżball tiegħu, kien ċempel lill-ommu l-imputata sabiex terġa' tirritornah lura. Jgħid illi lill-imputata huwa kien qalilha sabiex tgħaddihulu u teħodulu lura għaliex l-għada kellu l-Qorti, għalkemm dan ma kienx minnu. Jgħid illi huwa kien iħalli dan il-*jeans* mal-ħwejjeġ maħmuġin, sabiex f'każ ta' tfittxija ma tinstabx id-droga. Huwa jinsisti illi l-imputata ma kinitx taf bis-sustanza li kien hemm fil-qalziet u li din id-droga kien qegħda hu fil-keffa tal-qalziet. Jgħid illi tant dan huwa minnu, li kien ħalliha miftuqa u li meta l-qalziet daħal il-ħabs, l-uffiċjali tal-ħabs sabu l-keffa miftuqa. Jgħid illi kien huwa stess li għamel il-keffa, li kien jobromha u jħitha b'labra u ħajta ġewwa l-ħabs. Jerġa' jgħid illi ġieli kien jaqbad u joftoq il-keffa biex jgħaġġel għax mhux dejjem kien ikollu l-ħin li jagħmel li jrid, u jħalliha miftuqa, tant li skont hu, b'hekk instabet id-droga mill-uffiċjali tal-ħabs għax il-keffa kienet tħalliet miftuqa minnu. Jgħid illi jaf li l-qalziet kien bil-keffa miftuqa x'ħin daħal il-ħabs għax l-uffiċjal li sab id-droga kien qallu b'dan.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-ewwel punt li jeħtieġ li tiddeċiedi dwaru din il-Qorti huwa dwar l-ammissibilita` o meno taż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-imputata. Għalkemm l-imputata ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, dawn l-istqarrijiet ġew rilaxxjati

minnha fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata bid-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u wisq inqas id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-ewwel dritt ġie introdott fis-sistema ġuridika Maltija permezz tal-Avviż Legali 35/2010 li daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010, fil-waqt li t-tieni dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-posizzjoni legali dwar stqarrijiet rilaxxjati qabel id-dħul fis-seħħ tal-ewwel dritt fuq imsemmi llum hija waħda ċara. Huwa suffiċjenti li din il-Qorti taghmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, f'liema sentenza saret referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi *"the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement."*

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali iżjed riċenti fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-*

*istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mirrikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Claire Farrugia**</u>, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella**</u> tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet <u>**Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**</u>:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta'*

*avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha illi għalkemm l-imputata ċaħdet fl-istqarrijiet tagħha u fix-xhieda tagħha quddiem l-espert tekniku illi hija kellha x'taqsam mad-droga li nstabet fil-qalziet in kwistjoni, biss hija għamlet dikjarazzjonijiet li, fil-fehma tal-Qorti, jistgħu jitqiesu li kienu ta' preġudizzju għaliha, b'tali mod illi kemm il-darba l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni tali stqarrijiet, allura dawn żgur ser ikollhom impatt fuq l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk il-Qorti tqis illi ġialadarba l-imputata ma ngħatatx id-dritt li tottjeni parir legali qabel irrilaxxjat l-istqarrijiet tagħha u qabel xehdet fil-mori tal-Inkjesta Maġisterjali, apparti li lanqas ma ngħatat id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess, tali stqarrijiet u xhieda huma inammissibbli, kif hija inammissibbli wkoll kwalunkwe referenza għall-istess u għaldaqstant qed tiskartahom.

**Ikkunsidrat**:

Illi mill-assjem tal-provi prodotti ma hemmx dubju illi dakinhar tat-2 ta' Ottubru 2006, l-imputata daħlet b'qalziet fis-sezzjoni tad-debituri ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, liema qalziet kien destinat għal binha Alan Grima, li dak iż-żmien kien detenut fl-istess Faċilita`, bħal ma lanqas hemm dubju illi fil-keffa tal-istess qalziet, instabet sustanza li tirriżulta li kienet raża tal-*cannabis*.

Jirriżulta wkoll kemm mix-xhieda prodotta in difeża, kif ukoll mit-trattazzjoni finali tagħha, illi d-difiża m'hijiex tikkontesta s-sejbien tar-raża tal-*cannabis* fil-qalziet in kwistjoni, iżda x-xjenza tal-imputata dwar l-istess droga u dan fis-sens illi skont id-difiża, minkejja li hija kellha l-pussess materjali tal-qalziet u konsegwentement tad-droga, hija ma kinitx taf illi f'dan il-qalziet, li ntbagħat lilha minn binha għall-ħasil u li hija kienet qegħda tirritorna lura lill-istess binha, kien hemm id-droga. Għaldaqstant, skont id-difiża, minkejja li l-element materjali jirriżulta, huwa nieqes fl-imputata l-element formali, konsistenti fl-intenzjoni tagħha li twettaq ir-reati li qegħdin jiġu lilha addebitati u li għalhekk hija ma tistax tinstab ħatja ta' dawn ir-reati.

F'dan il-każ, provi saljenti li l-Qorti qegħda tagħtihom piż huma s-sejba u ċ-ċirkostanzi tas-sejba tal-minċott tal-ħajt ta' lewn vjola li, fit-tfittxija li saret fir-

residenza tal-imputata, fl-istess jum tal-arrest tagħha, instab proprju fuq il-bank tal-kċina fl-istess residenza, u li l-keffa tal-qalziet in kwistjoni ukoll kienet meħjuta b'ħajt ta' lewn vjola, liema ħajt in oltre jirriżulta li kien differenti mill-lewn tal-bqija tal-ħajt li bih kien meħjut l-istess qalziet. Il-Qorti tinnota illi minkejja li ma jirriżultax illi dan il-minċott hekk misjub ġie esebit fl-atti, biss kemm PS 1574, kif ukoll WPS 237 xehdu illi dan kien tal-istess kulur vjola bħal ħajt f'dik il-parti tal-keffa li fiha nstabet id-droga. Mhux biss iżda jirriżulta wkoll illi fil-waqt illi l-affarijiet tal-ħjata fir-residenza tal-imputata kienu jinsabu f'kexxun fil-bank tal-kċina, kien proprju dan il-minċott li kien qiegħed barra fuq il-bank. Il-Qorti tqis illi dawn il-provi, minkejja li ċirkostanzjali, huma skont ġurisprudenza nostrana kostanti, ammissibbli u suffiċjenti għas-sejbien ta' ħtija, kemm il-darba l-Qorti tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni dwar il-ħtija tal-akkużat, u dan in kwantu huwa ben stabbilit illi d-dubju għandu dejjem jiġi riżolt favur tiegħu.

Fir-rigward ta' provi ta' din il-natura, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. omissis, Rida Salem Suleiman Shoaib, omissis** qalet is-segwenti:

*"Kif inhu risaput, prova indizzjarja fil-kamp penali tista' tkun ferm aktar importanti minn prova diretta, izda tali prova ghandha dejjem tigi ezaminata bl-akbar reqqa. Il-principji li jirregolaw dan il-kamp tal-provi huma spjegati fi* ***Blackstone's Criminal Practice 2008*** *hekk:*

*"Circumstantial evidence is to be contrasted with direct evidence. Direct evidence is evidence of facts in issue. In the case of testimonial evidence, it is evidence about facts in issue of which the witness claims to have personal knowledge, for example, 'I saw the accused strike the victim'. Circumstantial evidence is evidence of relevant facts, i.e. facts from which the existence or non-existence of facts in issue may be inferred. It does not necessarily follow that the weight to be attached to circumstantial evidence will be less than that to be attached to direct evidence. For example the tribunal of fact is likely to attach more weight to a variety of individual items of circumstantial evidence, all of which lead to the same conclusion, than to direct evidence to the contrary coming from witnesses lacking in credibility.*

*"Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities' (DPP v. Kilbourne [1973] AC 729 per Lord Simond at p. 758). Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said:*

*'One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.' (Exall (1866) 4 F & F 922 at p. 929). "However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be narrowly examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (Teper v. The Queen [1952] AC 480, per Lord Normand at p. 489). Nontheless, there is no requirement, in cases in which the prosecution's case is based on circumstantial evidence, that the judge direct the jury to acquit unless they are sure that the facts proved are not only consistent with guilt but also inconsistent with any other reasonable conclusion (McGreevy v. DPP [1973] 1 WLR 276)."*

u b'referenza għall-mertu quddiemha esprimiet ruħha kif isegwi:

*"... Din il-Qorti, filwaqt li hi lesta li tikkoncedi li individwalment, u cioe` jekk kull cirkostanza tittiehed wahedha u in izolament, kien ikun ferm difficli ghall-gurija li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, l-istess ma jistax jinghad jekk dawn ic-cirkostanzi jittiehdu fl-assjem taghhom kif ukoll flimkien ma' xi cirkostanzi ohra li l-appellant ghazel li ma jirriferix ghalihom fir-rikors ta' appell tieghu."*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Raymond Galea</u>** tal-4 ta' Settembru 2018, il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat fit-tul l-ammissibilita` u l-piż li għandu jingħata lill-provi indizzjarji u b'referenza għall-ġabra ta' sentenzi tal-qrati tagħna qalet hekk:

*"Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b'diversi sentenzi sahqu illi sabiex Qorti issib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.*

*Fil-kaz* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit*** *moghtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:*

*"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija circumstantial evidence. [...] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-*

*circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` jekk is-circumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."*

*Illi fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et*** *moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:*

*Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.*

*Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f'dak l-imputat stante' illi il-provi cirkostanzjali iridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti</u>*** *moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):*

*"Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*

*Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet* ***<u>The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios</u>*** *moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):*

*"It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances*

*cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive."*
*Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza* **Il-Pulizija vs Kyle Stone** *nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013):*
*"Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* **DPP v Kilbourne** *[1973] AC 729, p. 758 "& works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."*

*Illi f'dan l-istadju wkoll issir-referenza ghall-kawza bl-ismijiet* **ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:*

*"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

*Inoltre fil-kawza bl-ismijiet* **Pulizija vs Paul Grech** *deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:*

*"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat." Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet* **ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** *datata l-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi:*
*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci"...*

Dwar l-evalwazzjoni tal-assjem tal-provi, dik l-istess Qorti rriteniet b'mod skjett illi:

*"dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni."*

B'referenza għall-każ odjern, il-Qorti ma tqisx li kien sempliċiment b'koinċidenza illi l-minċott tal-istess lewn li bih kienet meħjuta dik il-parti tal-keffa tal-qalziet li fiha kien hemm id-droga, instab proprju fuq il-bank tal-kċina fir-residenza tal-imputata fl-istess jum tal-arrest tagħha. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis bħala determinanti għas-sejbien ta' ħtija tal-imputata, il-fatt illi l-keffa tal-qalziet li kien fil-pussess tagħha kienet meħjuta proprju b'ħajt tal-istess lewn li nstab fuq il-bank tal-kċina, fil-waqt illi l-bqija tal-ħajt tal-istess qalziet kien ta' kulur differenti. Fi kliem ieħor, fil-waqt li s-sejba ta' minċott vjola fir-residenza tal-imputata bħala fatt waħdu m'huwiex determinanti, kif m'huwiex determinanti l-fatt waħdu illi l-keffa tal-qalziet kienet meħjuta b'ħajt ta' lewn differenti mill-kumplament, dawn iċ-ċirkostanzi flimkien ma jħallux dubju f'moħħ din il-Qorti illi l-imputata kienet il-persuna li poġġiet id-droga fl-istess qalziet.

B'żieda ma' dan, il-Qorti ma tqisx ix-xhieda ta' iben l-imputata, Alan Grima, bħala kredibbli jew illi din taf mis-sewwa. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma tqisx kredibbli u lanqas verosimili illi Grima kien joqgħod, ġewwa l-ħabs, iħit il-keffa tal-qalziet sabiex fiha jqiegħed id-droga, imbagħad jerġa' joftoq il-keffa u jerġa' jħitha, stante illi dan jirrikjedi ċertu ħin u anke attenzjoni għall-fatt illi huwa risaput illi fiċ-ċelel isiru diversi tfittxijiet ta' rutina mill-uffiċjali tal-ħabs. Fit-tieni lok, il-Qorti tiddubita wkoll kemm Grima kellu a disposizzjoni tiegħu labar tal-ħjata. In oltre il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll kemm m'huwiex loġiku dak li jgħid Grima fis-sens illi huwa kien iħalli dan il-qalziet partikolari mal-ħwejjeġ maħmuġin u dan sabiex f'każ ta' tfittxija bħal ma jiġix innutat, meta tfittxija ssir f'kollox u kullimkien jew illi 'bi żball' ta lil ommu proprju l-qalziet li kien fih id-droga, meta skont hu, tant kien joqgħod attent fejn kien iqegħdu, apparti illi minkejja li jgħid kemm il-darba illi l-qalziet ħareġ mill-ħabs bil-keffa miftuqa u li daħal il-ħabs bl-istess mod, jirriżulta ċar mix-xhieda ta' Paul Borg Bonaci illi huwa kellu joftoq il-keffa tal-qalziet sabiex minnha joħroġ id-droga. In oltre kemm Borg Bonaci, kif ukoll PC 398 jgħidu illi ssuspettaw li kien hemm xi ħaġa fil-qalziet għaliex ħassew xi ħaġa fil-keffa tiegħu waqt it-tfittxija u mhux kif jgħid Grima, għaliex il-keffa kienet diġa` miftuqa.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi la darba r-raża tal-*cannabis* fil-qalziet kienet evidentement intiża għal Grima ossia iben l-imputata, isegwi neċessarjament illi l-pussess tal-istess droga da parti tal-imputata kien wieħed aggravat ossia ma kienx intiż għall-użu tagħha u dan fit-termini tal-ewwel imputazzjoni. Għaldaqstant, tqis illi l-ewwel imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik illi permezz tagħha, l-imputat qegħda tiġi akkużata talli daħħlet droga ġewwa l-ħabs ai termini tal-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi l-azzjoni dwar din l-imputazzjoni kienet preskritta. Ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu msemmi, il-piena għar-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni hija dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għalhekk ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali dwar din l-imputazzjoni taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin. Jirriżulta mill-atti illi fil-waqt illi din l-imputazzjoni tirreferi għat-2 ta' Ottubru 2006, iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Settembru 2011, u għalhekk entro t-terminu ta' ħames snin, iżda fl-ewwel jum li fih ġiet appuntata l-kawża għas-smiegħ u ċioe` fit-3 ta' Frar 2012, meta allura l-perjodu ta' ħames snin kienu għadda, ġie vverbalizzat illi l-imputata ma dehritx u illi l-Ispettur Pierre Grech nforma lill-Qorti illi ma kinitx notifikata. Isegwi neċessarjament minn dan kollu, illi l-imputata ma ġietx notifikata fit-terminu tal-ħames snin. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni tirriżulta preskritta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputata fiż-żmien tal-każ odjern, li minkejja li tikkonsisti f'numru ta' kundanni, biss dawn jirrisalu lkoll għas-snin sebgħin.

Tqis ukoll in-natura u s-serjeta` tar-reat li tiegħu l-imputata qed tinstab ħatja, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod partikolari l-fatt li l-imputata kienet fil-pussess ta' droga destinata għal binha meta dan kien detenut il-ħabs ossia post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tiegħu. Mill-banda l-oħra, il-Qorti qegħda tqis ukoll l-kwantita` tal-istess droga, li ma kinitx waħda kbira.

Tqis ukoll in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2006 u li fil-maġġor parti tagħhom il-proċeduri twalu għal raġunijiet imputabbli lill-Prosekuzzjoni. Biss biss kif ingħad iżjed il-fuq, iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata kważi ħames snin wara li seħħ il-każ.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed tiddikjara l-imputazzjoni (b) preskritta u għaldaqstant qed tillibera lill-imputata minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess, fil-waqt illi qed issib lill-istess imputata ħatja tal-imputazzjoni (a) u tikkundannaha għall-piena ta' tmien (8) xhur

priġunerija effettiva u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas ta' nofs[8] l-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, u ċioe` nofs l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, l-ammont ta' liema spejjeż ma jirriżultax mill-atti, kif ukoll nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni konġunta ta' PS 36 Sergio Azzopardi u PS 644 Evan Camilleri, ammontanti dan in-nofs għas-somma ta' tnax-il lira Maltin ekwivalenti għal sebgħa u għoxrin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€27.95).

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jiġu determinati nofs l-ispejjeż tax-Xjenzat Godwin Sammut. In oltre il-ħatja għandha tħallas l-ispejjeż kollha fuq msemmija fi żmien tliet xhur mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[8] Dan stante illi dwar is-sejba tad-droga in kwistjoni, ġew imressqa żewġ persuni ossia l-imputata odjerna u binha.